MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2007

Appell Civili Numru. 1401/2001/1

**Vivaldi Hotels Operations Limited**

**v.**

**Intramed Limited**

**Il-Qorti,**

**Preliminari:**

B’citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-1 ta’ Awissu 2001, is-socjeta` attrici ppremettiet illi

hija tinsab kreditrici tas-socjeta` konvenuta fis-somma ta' Lm13,674.06 rappresentanti bilanc dovut fuq akkomodazzjoni u servizzi ohra provvduti gewwa l-Golden Tulip Vivaldi Hotel fuq inkarigu tas-socjeta` konvenuta; illi ghalkemm debitament interpellat[a] biex thallas dan l-ammont, is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti, hlief ghal hlas b'cekk tas-somma ta' erbat elef hames mija u tnjen liri maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm4502.25), liema cekk pero` ma giex onorat mill-Bank biex b'hekk effetivament ma sar l-ebda hlas; illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut; dan premess talbet li dik il-Qorti:

1) tiddikjara li s-socjeta` attrici tinsab kreditrici tas-socjeta` konvenuta fis-somma ta' tlettax-il elf sitt mija u erba' u senghajn lira maltin u sitt centezimi (LM13,674.06), jew somma verjuri, rappresentanti l-bilanc dovut fuq akkomodazzjoni u servizzi ohra provduti gewwa l-Golden Tulip Vivaldi Hotel, Dragonara Road, San Giljan fuq inkarigu tas-socjeta` konvenuta;

2) tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' tlettax-il elf sitt mija u erba' u senghajn lira maltin u sitt centezimi (LM13,674.06), ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tal-dovut hlas kontra s-socjeta` konvenuta li minn issa hija ingunta ghas-subizzjoni.

B'nota pprezentata fit-18 ta' Ottubru 2001 is-socjeta` konvenuta eccepiet:-

1. Illi preliminarjament:

a. Is-socjeta` konvenuta mhijiex il-legittimu kontradittur u m'ghandhiex ir-rappresentanza gjuridika tad-diversi "tour operators" – li jistghu jkunu debituri lejn is-socjeta` attrici – u li taghhom is-socjeta` konvenuta hija biss il-"handling agent" gewwa Malta u bhala tali m'ghandha l-ebda flejjes fil-pussess taghha tal-istess "tour operators" esteri. Ghalhekk, is-socjeta` konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

b. Fi kwalunkwe kaz, u minghajr pregudizzju, it-talbiet attrici huma preskritti a tenur tal-artikolu 2147(B) tal-Kodici Civili;

2. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost:

a. Is-socjeta` konvenuta mhijiex u qatt ma kienet debitrici ‘de proprio’ tas-socjeta` attrici u lanqas m’hi debitrici taghha illum.

b. Is-socjeta` konvenuta taghmilha ta’ “handling agent” gewwa Malta ta’ diversi “tour operators” esteri li jalloggjaw il-klienti taghhom gewwa diversi lukandi u postijiet ohra gewwa Malta – fosthom il-lukanda tas-socjeta` attrici. Kull meta saru xi negozjati bejn is-socjeta` attrici u dik konvenuta, din ta’ l-ahhar dejjem agixxiet fil-kwalita` taghha fuq imsemmija u qatt ma assumiet ir-responsabbilita` personali ghal ebda pagament li seta’ kien dovut minn xi wiehed mit-“tour operators” in kwistjoni li qatt ma kellha ir-rappresentanza gjuridika taghhom;

c. Ghal dak illi jirrigwarda l-pagament ta’ erbat elef hames mija u zewg liti Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (LM4502.25) huwa minnu illi c-cekk in kwistjoni ma giex onorat mill-Bank u dana minhabba ghal fatt illi c-cekk mahrug a favur tas-socjeta` konvenuta mit-“tour operator” taljan “Nova Viaggi” f’ammont ekwivalenti f’Liri Taljani u depozitat fl-istess kont kurrenti sabiex isir il-pagament in kwistjoni ma giex onorat.

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b’sentenza tal-31 ta’ Mejju 2004, meta cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u laqghet it-talbiet attrici u ghaddiet biex tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas is-somma ta’ tlettax-il elf, sitt mija u erbgha u sebghin lira maltin u sitt centezmi (Lm13,674.06) lis-socjeta` attrici, bl-imghaxijiet legali kif mitluba fic-citazzjoni u kkundannat lis-

socjeta` konvenuta thallas li spejjez tal-kawza u dan wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:-

"Illi l-fatti li taw lok ghall-kawza huma dawn. Is-socjeta` attrici li tiggestixxi lukanda fuq perjodu ta' zmien akkomodat numru ta' turisti li kien ikollhom voucher tas-socjeta` konvenuta li kienet tibghathom hemm. Din tal-ahhar kienet thallas lis-socjeta` attrici direttament u hi kienet tithallas mis-socjeta` estera li maghha kellha xi forma ta' ftehim dwar dan it-tip ta' arrangament.

"Il-konvenuti qed jeccepixxu l-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2149(b) tal-Kap 16 u li hija ma hijiex il-legittimu kontradittrici ghaliex hija l-handling agent tas-socjeta` estera. Ghalhekk il-konvenuti qed jargumentaw illi l-atturi kellhom jagixxu kontra s-socjeta` estera in kwistjoni.

"L-artikolu 2149(b) fuq imsemmi jghid li l-azzjonijiet ta' sidien ta' lukanda ghall-allogg u ikel huma preskritti wara sena. Kwindi hu car illi dan hu l-artikolu applikabbli f'kazi bhal dak odjern. Jirrizulta pero` illi fit-23 ta' Marzu 2001 is-socjeta` konvenuta baghtet cekk ghall-ammont ta' cirka LM4,000 li kien ikopri numru ta' dawn l-alloggi li taghhom qed jintalab pagament f'din il-kawza li giet imbaghad intavolata f'Awissu ta' l-istess sena. C-cekk eventwalment ma ssarrafx minhabba nuqqas ta' fondi, izda fil-fehma tal-Qorti dan kien esempju car ta' interruzzjoni tal-preskrizzjoni ghaliex il-hrug tac-cekk jimplika rikonoxximent tad-debitu. Ghalhekk l-eccezzjoni se tigi respinta.

"Fuq il-kwistjoni ta' jekk is-socjeta` konvenuta ghandhiex tirrispondi ghal hlas, il-Qorti taqbel mas-socjeta` attrici ghal diversi ragunijiet. L-ewwelnett il-ftehim kien isir regolarment bejn il-kontendenti u f'ebda hin is-socjeta` konvenuta ma tat x'tifhem li kienet qed tikkuntratta bhala mandatarja ta' xi hadd. Id-diversi dokumenti juru li l-konvenuti kienu jibghatu t-turisiti huma lill-atturi u ma jistghux jippretendu li l-atturi joqghodu jfittxu individwalment lil dawn it-turisti li fuq kollox kien ikollhom f'idejhom vaoucher mahrug mill-konvenuti li a bazi tieghu kienu jinghataw l-allogg minghajr ma jhallsu direttament lill-atturi. Ghalkemm id-dokumenti a fol 49 et seq mhumiex

iffirmati mid-diretturi tas-socjeta` konvenuta, jidher li da kien dokument normali li kien jinhareg perjodikament mill-atturi lil dawk il-kumpanniji li kienu jibghatulhom it-turisti. Jidher ukoll li l-hlasijiet kienu dejjem isiru mill-konvneuti sakemm inqalghet il-kwistjoni li tat lok ghall-kawza.

“Meta xhed Claude Muscat li hu managing director tas-socjeta` konvenuta, a fol 33 tal-process, dan qal hekk:

“*Qieghed nigi mistoqsi mill-Qorti biex nispjega dan l-arrangament ta’ akkomodazzjoni kif kien jitwettaq il-hlas tas-servizzi ipprovduti u jien nghid li meta turist kien jintbaghat minn operator turistiku minn barra minn Malta kien imur fil-lukanda li fiha jigi allokat dan jippresenta voucher. Il-lukanda partikolari kienet tghaddi l-vouchers lilna biex ahna nghadduhom b’talba ghall-hlas lill-operaturi barranin li jkunu baghtu t-turisti fl-ewwel lok. Jien nghid li f’arrangament bhal dan ahna ma nkunux direttament responsabbli ghal hlas.”*

Il-Qorti ma taqbilx ma’ din l-interpretazzjoni tax-xhud ghaliex ladarba is-socjeta` attrici kellha rapport dirett ma’ dik konvenuta, din tal-ahhar ma tistax tahrab ir-responsabbilitajiet taghha b’dan il-mod.

“Fil-fehma tal-Qorti ma hemm ebda dubju li s-socjeta` konvenuta giet korrettament citata u li t-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha kwantu ghall-ammont ma kien hemm ebda kontestazzjoni.”

**L-appell tas-socjeta` konvenuta.**

Is-socjeta` konvenuta hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq imsemmija u ghalhekk, b’rikors ipprezentat fil-15 ta’ Gunju, 2004, talbet li ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tirrevoka u thassar l-istess sentenza billi tichad it-talbiet tas-socjeta` attrici u tilqa’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta` appellanti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellata.

Is-socjeta` attrici appellata intavolat risposta ghar-rikors tas-socjeta` konvenuta fejn, ghar-ragunijiet hemm

moghtija, u anke ghax l-istess sentenza hija wahda gusta, talbet lidin tigi kkonfermata bl-ispejjez.

**L-aggravji tas-socjeta` konvenuta appellanti.**

Is-socjeta` konvenuta appellanti ressqet erba' aggravji kontra s-sentenza appellata li huwa bazikament fis-sens:-
a) li hi ma hijiex l-legittimu kontradittur billi hija biss l-"*handling agent*" ta' diversi "*tour operators*";

b) li hi ma iffirmatx kuntratt mas-socjeta` attrici;

c) li l-*vouchers* ma jurux li s-socjeta` konvenuta hija debtrici;

d) li t-talbiet attrici huma preskritti.

**Ikkunsidrat:**

Fir-realta` minn qari akkurat tar-rikors ta' l-appell jidher li l-ewwel tlett aggravji jistghu jigu raggruppati f'aggravju wiehed fis-sens illi lkoll jittrattaw ir-relazzjoni li seta' kien hemm bejn il-kontendenti u konsegwentement ir-responsabbilita` ta' l-istess socjeta` konvenuta ghall-hlas tas-somma indikata fic-citazzjoni. Fi ftit kliem is-socjeta` konvenuta appellanti qed isostni li hija ma ghandhiex tinzamm responsabbli vis-à-vis is-socjeta` attrici billi hija kienet qedha semplicement tagixxi fil-kapacita` taghha ta' "*handling agent*" ghall-diversi "*tour operators*" esteri u li bhala tali ma kellha ebda obbligu li thallas ghall-akkomodazzjoni u servizzi provduti mis-socjeta` attrici lill-klijenti ta' dawk l-istess "*tour operators*".

Il-posizzjoni li qed tipprospetta s-socjeta` konvenuta hija dik ta' mandatarju inkwantu hija ssostni li hi tagixxi ghan-nom u fl-interess tat-"*tour operators*" u bhala tali ma hemmx responsabbilita` diretta da parti taghha ghal xi nuqqas tal-istess "*tour operator*". Izda din il-Qorti taghmel referenza ghall-provvedimenti tal-Kodici Civili li jirregolaw l-istitut tal-mandat u senjatament l-Artikolu 1879 li jiddisponi li: "*Il-mandatarju, <u>illi jkun gharraf bizzejjed bis-setghat tieghu lill-parti li maghha jkun ittratta f'dik il-</u>*

*kwalita`, ma jwiegeb ghal ebda garanzija dwar dak li jkun ghamel barra minn dawk il-limiti, hlief jekk hu jkun obbliga ruhu huwa nnifsu ghaldaqshekk*." (sottolinear tal-Qorti).

Mill-provi prodotti jidher li fit-trattativi li s-socjeta` konvenuta kellha mas-socjeta` attrici l-istess socjeta` konvenuta, ghall-anqas fil-maggor parti tat-trattativi ma indikatx li hija kienet qed tagixxi ghan-nom u in rapprezentanza ta' persuna ohra, anzi l-ordnijiet kienu jsiru f'isimha u l-*invoices* kienu jinhargu f'isimha minghajr ebda protesta da parti taghha. Anzi meta fil-"vouchers" li kienu jigu prezentati lis-socjeta` attrici kien jissemma xi "*tour operator*" dan l-istess dokument kien jispecifika "**Booked and paid by IntraMed Travel Bureau Malta**". Jidher ghalhekk li s-socjeta` konvenuta, anke jekk seta' kellha arrangamenti ta' "handling agent" mat-*tour operators* esteri, fatt li ma giex pruvat b'mod konklussiv, xorta wahda l-istess socjeta` konvenuta ghandha tirrispondi ghat-talba attrici billi qatt ma indikat lill-istess socjeta` attrici li hija kienet qed tidher ghan-nom ta' haddiehor u mhux f'isimha b'mod li svijjat lill-istess socjeta` attrici.

**Ikkunsidrat:**

Illi dwar l-aggravju koncernanti l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta din il-Qorti tosserva li l-pagament b'cekk, li eventwalment ma giex onorat, sar mis-socjeta` konvenuta minn kont bankarju f'isem l-istess socjeta` u b'dan il-mod, kif osservat l-ewwel Qorti, gie interrott l-perjodu preskrittiv minhabba rikonoxximent tad-debitu da parti tal-istess socjeta` konvenuta.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tas-socjeta` konvenuta qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata fl-interezza taghha bl-ispejjez ta' dan l-appell a karigu tas-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------